MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 2710/1997/2

Dorothy **GRECH** mart Emanuel

vs

Deborah **FENECH De FREMAUX**; u b’Degriet tat-23 ta’ Marzu, 2009, l-Avukat Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Victor Buġeja nħatru Kuraturi Deputati biex jidhru għal Deborah Fenech De Fremaux li ħalliet Malta

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-26 ta’ Novembru, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attriċi talbet li din il-Qorti (i) tillikwida l-ġid tal-wirt ta’ missierha, (ii) jekk meħtieġ wara li jiġi dikjarat li r-raġuni msemmija minnu fit-testment tiegħu li bis-saħħa tagħha

neħħiha mill-wirt ma tgħoddx fil-liġi. Talbet ukoll (iii) li tingħata s-sehem tagħha tal-leġittima skond il-liġi *in natura* jew xort'oħra u li (iv) oħtha l-imħarrka tiġi kundannata tħallasha dak is-sehem jew tgħaddilha s-sehem hekk likwidat mill-imsemmi wirt, u dan billi, jekk kemm-il darba l-Qorti hekk jidhrilha xieraq, taħtar Nutar biex jippubblika l-att relativ u kuratur biex jidher għal min jonqos li jersaq fuq l-imsemmi att. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-12 ta' Novembru, 1998[1], li bih ħatret bħala Assistent Ġudizzjarju tagħha lill-Avukat Josette Demicoli, biex tisma' l-provi tal-attriċi;

Rat id-degriet tat-12 ta' Jannar, 1999, li bih u għar-raġunijiet imsemmija fil-verbal tas-smigħ ta' dak inhar, il-Qorti tat lill-imħarrka żmien biex tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet u ħassret il-ħatra li kienet ingħatat lill-Assistent Ġudizzjarju;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-18 ta' Jannar, 1999, li biha l-imħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li missierha kellu raġuni tajba għaliex neħħa lill-attriċi mill-wirt, u dan għall-finijiet tal-artikolu 623(ċ) tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk, tgħid li l-attriċi ma jistħoqqilhiex tieħu l-leġittima;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-29 ta' April, 2002, li fih il-partijiet għarrfu lill-Qorti li kienu qegħdin jistudjaw proposta biex jirranġaw il-kwestjoni ta' bejniethom barra l-Qorti;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 2003, li bih u wara li l-partijiet kienu għarrfuha li ma kinux laħqu ftehim bonarju bejniethom, iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u ordnat li ssir it-trattazzjoni dwar l-ewwel talba attriċi;

[1] Paġ. 14 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Ottubru, 2003, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ħassret *contrario imperio* l-imsemmi degriet tagħha ta' qabel;

Rat is-sentenza tagħha *in parte* tat-8 ta' Frar, 2006[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-ewwel talba attriċi billi sabet li ma kienx hemm raġuni tajba għaliex l-attriċi titħalla 'l barra mill-wirt ta' missierha u ordnat li ssir il-likwidazzjoni tal-ġid fl-istess wirt, ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-imħarrka u ordnat li l-kawża tkompli tinstema' dwar it-talbiet attriċi l-oħrajn;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ottubru, 2006[3], li bih ħatret lill-Perit Arkitett Joseph Ellul Vinċenti bħala espert tekniku biex jiddeskrivi l-ġid immobbiljari tal-wirt ta' missier il-partijiet u joħroġ stima tiegħu, lie a ħatra tħassret b'degriet tad-19 ta' Ġunju, 2007, wara rikors imressaq mill-istess perit;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2007, li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Novembru, 2007, li bih u wara talba magħmula f'rikors tal-attriċi fit-23 ta' Novembru, reġgħet qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat id-degriet tat-23 ta' Marzu, 2009[4], li bih inħatru Kuraturi Deputati biex jidhru fil-kawża għall-imħarrka li, sadattant, ma baqgħetx f'Malta;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Mejju, 2009[5], li bih reġgħet ħatret lill-imsemmi perit arkitett Joseph Ellul Vinċenti bħala perit tekniku;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-perit tekniku fit-22 ta' Frar, 2010[6], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tal-20 ta' April, 2010;

---

[2] Paġġ. 179 sa 186 tal-proċess
[3] Paġ. 190 tal-proċess
[4] Paġ. 207 tal-proċess
[5] Paġ. 226 tal-proċess
[6] Paġġ. 230 - 7 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa f'isem l-imħarrka fl-20 ta' April, 2010[7], li biha talbet il-ħatra ta' periti addizzjonali;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' April, 2010 li biha ordnat li ssir tfittxija għall-proċess tal-kawża li ma kienx aktar f'idejn il-Qorti;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Mejju, 2010[8], li bih u fid-dawl tan-Nota mressqa mir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali fid-19 ta' Mejju, 2010, li tgħid li l-proċess baqa' ma nstabx minkejja li kien ordna li ssir tfittxija għalih, ordnat li l-atti tal-kawża jinbnew mill-ġdid;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-18 ta' Ġunju, 2010, dwar is-siwi tal-atti tal-kawża kif rikostitwiti;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-attriċi waqt l-istess smigħ fis-sens li hija kienet toqgħod għall-fehmiet tal-perit tekniku fir-Relazzjoni tiegħu;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Ottubru, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal-leġittima. L-attriċi tgħid li missierha miet testat, iżda neħħiha għal kollox mill-wirt għal raġuni li hija tqis li ma kinitx waħda tajba fil-liġi. Fit-testment tiegħu, missierha jgħid li neħħiha mill-wirt għar-raġuni li hija naqset li teħilsu mill-ħabs, bla raġuni tajba, u meta setgħet tagħmel dan. Huwa jżid jiddikjara li hija tat xhieda kontrih f'Qorti u li, minħabba f'dik ix-xhieda, intbagħat il-ħabs, u dan meta hija setgħet tat xhieda mod ieħor li minnha kien jeħles minn dik il-piena. Missierha ħalla b'werrieta tiegħu lil bintu l-oħra, oħt l-attriċi. L-attriċi

[7] Paġ,. 255 tal-proċess
[8] Paġ. 259 tal-proċess

trid sehemha mil-leġittima mingħand oħtha, wara li l-wirt jiġi likwidat;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrka tilqa' billi tgħid li missierha għamel sewwa li qala' 'l bintu 'l barra mill-wirt, u li dan għamlu għal raġuni li hija maħsuba mil-liġi;

Illi ladarba bis-sentenza preliminari tagħha tat-8 ta' Frar, 2006, din il-Qorti laqgħet l-ewwel talba u ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-imħarrka (li kienu, effettivament, l-uniċi eċċezzjonijiet tagħha kontra l-azzjoni attriċi) xogħol din il-Qorti issa huwa li tqis fiex kien jikkonsisti l-wirt ta' missier il-partijiet dak inhar ta' mewtu, tillikwidah, u toħroġ minnu s-sehem riżervat (kif tissejjaħ illum il-ġurnata dik li qabel kienet magħrufa bħala l-leġittima) favur l-attriċi. Kemm minħabba t-talbiet tal-attriċi u kif ukoll minn dak li stabiliet din il-Qorti fl-imsemmija sentenza, il-wirt ta' missier il-partijiet baqa' regolat bl-aħħar testment tiegħu għaliex l-azzjoni attriċi ma kinitx waħda dwar is-siwi tat-testment iżda biss dwar il-klawsola partikolari ta' d-diżeredazzjoni;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-attriċi u l-imħarrka huma aħwa tar-rispett. Huma wlied l-istess missier minn ommijiet differenti[9]. Raphael Fenech De Fremaux, missier il-partijiet, miet fis-7 ta' Settembru tal-1997. Matul l-1973, fuq talba (kwerela) ta' martu, huwa kien tressaq il-Qorti u għadda minn proċeduri kriminali mixli li, fuq medda ta' żmien, ikkorrompa lill-attriċi, li dak iż-żmien kienet għadha taħt l-eta'. F'April, 1974, huwa nstab ħati wara li għadda ġuri[10]. Mill-istess sentenza, jirriżulta wkoll li huwa kien diġa' nstab ħati qabel tal-istess reat. Is-sentenza kienet konfermata fl-appell fil-15 ta' Lulju tal-istess sena[11]. Huwa kien kundannat tliet (3) snin ħabs b'xogħol iebes u mneħħi mis-setgħa tal-ġenitur[12] fuq l-istess minuri. Dak iż-żmien, l-attriċi kien għad għandha madwar għaxar (10) snin;

---

[9] Xhieda tal-imħarrka 23.11.2001, f'paġ. 139 tal-proċess
[10] Dok "DG1", f'paġ. 68 tal-proċess
[11] Paġġ. 49 sa 55 tal-proċess
[12] Dak iż-żmien kienet għadha tissejjaħ "setgħa tal-missier" (*patria potestas*)

Illi bejn l-1982 u l-1995 huwa għamel sensiela ta' testmenti: l-ewwel darba li neħħa lill-attriċi minn werrieta tiegħu kien fit-testment ta' 1 ta' Settembru, 1982[13]. Dak iż-żmien kienet il-wild waħdieni magħruf tiegħu. Fit-testment tal-21 ta' Mejju, 1991[14], reġa' tenna t-tneħħija tal-attriċi minn werrieta tiegħu u ħatar lill-imħarrka bħala l-werrieta universali waħdanija tiegħu. L-imħarrka twieldet fl-1976. Fit-3 ta' Lulju, 1995[15], huwa għamel l-aħħar testment pubbliku tiegħu li bih ħassar kull testment ieħor li kien għamel sa qabel dakinhar, reġa' neħħa lill-attriċi minn kull sehem mill-wirt tiegħu, ħalla lil bintu l-oħra werrieta universali, u ħalla wkoll legat lil oħtu ta' kull sehem li seta' kellu f'post f'Birkirkara;

Illi l-kawża nfetħet f'Novembru tal-1997;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ</u> irid jingħad li matul iż-żmien li l-kawża kienet qegħda tinstama', l-liġi tas-suċċessjoni[16] għaddiet minn bidla wiesgħa f'għadd ta' oqsma tagħha. L-istitut tal-leġittima kien wieħed mill-oqsma milquta sewwa b'dawn il-bidliet. Madankollu, minħabba li fil-każ li għandna quddiemna, l-wirt infetaħ qabel ma daħlu fis-seħħ l-imsemmija bidliet, il-kwestjoni trid titqies skond kif kienet il-liġi f'dak iż-żmien[17];

Il-liġi kienet tqis is-sehem riżervat bħala parti mill-ġid tal-mejjet (*quota bonorum*) u mhux bħala sehem mill-wirt tiegħu (*hereditatis portio*) u għalhekk il-leġittimarju ma kienx sempliċi kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jagħmel tajjeb għad-djun tiegħu (għalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt iħallu effett fuq is-sehem tal-leġittima li l-leġittimarju jkollu jedd jirċievi). Il-leġittimarju, għalhekk, ma jitlifx il-jedd għal-leġittima jekk kemm-il darba jirrinunzja għall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'leġittima qabel ma jkun irrinunzja għall-wirt[18]. Il-leġittimarju jrid jitlob il-leġittima mingħand min ikun inħatar

---

[13] Dok "FD2", f'paġ. 157 – 8 tal-proċess
[14] Dok "FD3", f'paġġ. 159 – 160 tal-proċess
[15] Dokti. "DG3" u "FD4", f'paġġ. 24-5 u 161- 2 tal-proċess
[16] Permezz tal-Att XVIII tal-2004, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Frar, 2005, u fl-1 ta' Marzu, 2005 (A.L. 37 tal-2005 u A.L. 48 tal-2005)
[17] Art. 116(2) tal-Att XVIII tal-2004
[18] P.A. **16.12.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono vs Licari et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.620**)

(jew aċċetta li jkun) werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu ikun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-*decuius*[19];

Illi jsegwi li idejalment il-leġittima trid tingħata *in natura*[20], jiġifieri tkun magħmula minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita' minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' ż-żwieġ[21]), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral[22] u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur[23], u tingħata fi proprjeta' sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni[24]. Fuq kollox, is-sehem riżervat jiġi mgħoddi b'assenjazzjoni u mhux bit-tlugħ tax-xorti[25];

Illi ladarba missier il-partijiet ħalla (uffiċjalment) żewġ ulied biss ħajjin fil-waqt ta' mewtu, dan iġib li s-sehem riżervat sħiħ għandu jkun ta' terz ($^{1}/_{3}$) tal-ġid ereditarju tiegħu[26]. Dan is-sehem irid jinqasam daqsinsew bejn dawk kollha li jmisshom minnu[27]. Dan ifisser li l-ulied kollha – kemm dawk li nħatru werrieta u wkoll dawk li tħallew barra jew inqatgħu mill-wirt – iridu jitqiesu biex wieħed jara kemm kien l-għadd ta' wlied li fuqu jinħadem is-sehem riżervat[28]. Ifisser ukoll li sehem l-attriċi jrid ikun ta' parti minn sitta ($^{1}/_{6}$) tal-ġid li jirriżulta li missierha kellu dak inhar li miet;

Illi huwa prinċipju aċċettat ukoll li s-sehem riżervat inissel il-jedd għall-imgħaxijiet favur min għandu jedd għalih. Tali mgħax jibda għaddej minn dak inhar li jinfetaħ il-wirt,

[19] App. Ċiv. **10.6.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia noe et vs Mintoff noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.472)**
[20] P.A. **22.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Wismayer et vs Wismayer et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.574**)
[21] Art. 620(3) tal-Kap 16
[22] Art. 620(2) tal-Kap 16
[23] Art. 620(4) tal-Kap 16
[24] Art. 620(1) tal-Kap 16
[25] P.A. **7.1.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Meli et*** (Kollez. Vol: **LI.ii.696**)
[26] Art. 616(1) tal-Kap 16
[27] Art. 616(2) tal-Kap 16
[28] Art. 618(1) tal-Kap 16

imma jitqies biss fuq is-sehem li jkun imiss lil-leġittimarju u mhux fuq il-ġid kollu tal-wirt[29];

Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat huwa ġudizzjarjament stabilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali ġid fiż-żmien li nfetaħ il-wirt u fil-kundizzjoni li tali ġid kien dak iż-żmien, u b'mod iżjed preċiż: "li, għall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-*decuius* (li l-liġi tikkunsidra bħala terminu ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tiġi affermata jew eskluża l-eżistenza tal-leżjoni tal-leġittima) **bilfors** wieħed irid jirriporta ruħu għall-valuri fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi relattivi għall-kollazzjoni". Iżda, "jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni *in natura* (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "*un bene reale*" u l-"*aestimatio rei*" **għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni,** cioe` ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġjudizzjali u tenut kont għalhekk **ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja**"[30];

Illi tali fehma tibqa' sseħħ ukoll jekk kemm-il darba l-jedd tas-sehem riżervat ma jkunx ġie soddisfatt bla ħtija tal-parti li għandha jedd għalih u jkun inbidel fi dritt ta' kreditu li jitħallas fi flus bħala "*aestimatio rei*"[31]. Iżda, f'dak il-każ, il-valur għandu jkun iqarreb il-valur tal-ġid fiż-żmien tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat[32]. Dawn il-kriterji kollha jfissru li, fl-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju għall-finijiet li jiġi stabilit is-sehem riżervat, wieħed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-ġid fil-ġejjieni (ikun kemm ikun probabbli li jiżdied il-valur tiegħu).

---

[29] P.A. **16.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Said vs Borġ Grech noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.568**)
[30] App. Ċiv. **10.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Conċetta Vella et vs Giuseppe Buġeja et*** (mhix pubblikata)
[31] App. Ċiv. **14.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et*** (mhix pubblikata)
[32] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Anne Żammit et vs Antonia Ellul et***

Dan joħroġ ukoll mill-fatt li l-jedd għas-sehem riżervat jitnissel mal-ftuħ tas-suċċessjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-ġrajja fil-qafas taż-żmien li tkun seħħet;

Illi fid-dawl ta' dawn il-prinċipji u minn dak li ħareġ mill-atti tal-kawża, is-sehem riżervat li minnu jistħoqqilha tiegħu l-attriċi jrid jinħadem fuq il-valur tal-ġid identifikat ta' missierha fil-kundizzjoni li kien jinsab fiha mal-ftuħ tal-wirt tiegħu;

Illi għal dan il-għan, il-Qorti ħatret perit tekniku biex jagħti stima tal-valur tal-ġid identifikabbli. Jidher li f'dan ir-rigward (u minħabba ċ-ċirkostanzi tan-nuqqas ta' preżenza f'Malta tal-imħarrka) l-Perit qagħad fuq it-tagħrif mogħti mill-attriċi f'lista li hija ressqet fl-atti tal-kawża[33]. Minn dak li seta' jikkonstata l-imsemmi perit (u jidher li sab diffikulta' mhux żgħira biex isib il-postijiet u jidħol fihom) kien hemm disa' (9) fondi li l-mejjet kellu sehem minnhom jew kienu tiegħu waħdu. Meta l-Qorti qieset id-deskrizzjoni tal-postijiet imsemmija fir-Relazzjoni peritali rat li, għal xi raġuni, l-post (f'Birkirkara) li missier l-attriċi ħalla kull sehem li kellu minnu b'legat lil Monica Vella, ma jissemma mkien. Ta' min jgħid li l-imsemmija Monica Vella xehdet quddiem il-Perit tekniku, u huwa nnifsu jgħid li Vella qiegħda "fil-fatt tamministra l-proprjeta' mertu ta' din il-kawża". Il-Qorti, madankollu, sejra toqgħod fuq dak li jissemma mill-Perit fir-rapport tiegħu, aktar u aktar fid-dawl tad-dikjarazzjoni magħmula mill-għaref difensur tal-attriċi u f'isimha fis-smigħ tat-18 ta' Ġunju, 2010, li hija kienet toqgħod għall-konklużjonijiet peritali;

Illi, minbarra dan, mix-xhieda ħareġ li l-istess *decuius* ma jidhirx li kellu ġid ieħor konsistenti fil-waqt tal-mewt tiegħu. Għalkemm l-attriċi semmiet xi mutur u depożiti f'banek, mix-xhieda kollha mressqa ħareġ li kulma kien hemm bil-banek (fuq isem id-*decuius*) dak inhar li miet kienet somma ċkejkna ta' Lm 28 f'wieħed mill-banek li l-imħarrka ftit żmien wara mewt missierha wżat biex jitħallas parti mill-kont tal-funeral tiegħu[34]. Ħareġ ukoll mix-xhieda

[33] Ara Dokti "B" u "Ċ", f'paġġ. 71 – 2 tal-proċess

[34] Xhieda ta' Therese Vella 28.5.1999, f'paġ. 41 tal-proċess

mogħtija mill-imħarrka, li missierha ma kienx ħalla flus[35] u li hija lanqas kienet għamlet id-dikjarazzjoni *causa mortis* minħabba kumplikazzjonijiet dwar il-wirt t'ommha li mietet ftit qabel id-*decuius*[36];

Illi dwar jekk l-istess missier kellux djun lanqas ma jista' jingħad. Iżda ħareġ li, matul iż-żmien li kienet miexja din il-kawża, wieħed mill-postijiet li jagħmel mill-wirt tiegħu – sewwasew id-dar fejn kien jgħix – inbiegħet fl-2005 f'irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti fuq talba ta' kreditur tal-imħarrka[37];

Illi dan ifisser li l-valur tal-wirt li jrid jitqies għall-finijiet tas-sehem riżervat mitlub mill-attriċi huwa ta' tliet mija u disgħa u sittin elf mitejn u sebgħa u erbgħin euro (€ 369,247)[38]. Dan iġib li l-attriċi jistħoqqilha tieħu mill-imsemmi wirt b'kemm jiswew wieħed u sittin elf, ħames mija u wieħed u erbgħin euro (€ 61,541) f'ġid li kellu missierha fil-waqt ta' mewtu. Billi l-perit tekniku stima l-imsemmi ġid fuq il-valur tiegħu "fis-suq illum" (u dan sar fl-2010), il-Qorti qiegħda tqis li f'dan l-ammont hemm miġbur kull ammont ta' mgħax miġmugħ li seta' kien dovut lill-attriċi fuq is-sehem hekk likwidat;

Illi b'hekk qiegħda ssir il-likwidazzjoni mitluba għall-finijiet tat-tieni talba attriċi;

Illi wieħed issa jrid jara jekk is-sehem hekk likwidat jistax jittieħed mill-attriċi *in natura*, jew jekk għandhiex tieħu sehemha bil-ħlas ta' somma flus. It-tieni talba attriċi titlob dan speċifikatament. Madankollu, l-attriċi ma ressqet l-ebda sottomissjoni jew proposta dwar jekk kinitx qiegħda titlob li jkun assenjat lilha xi ġid partikolari. Ħalliet f'idejn il-Qorti;

Illi x-xewqa tal-liġi li s-sehem riżervat ikun magħmul minn ġid tal-wirt skond in-natura tiegħu tista' ma titwettaqx jekk kemm-il darba biex isir hekk, iseħħ preġudizzju għall-ġid tal-istess wirt. Bħalma jseħħ fir-regoli dwar jekk ishma f'wirt jistgħux jinqasmu f'ammonti ndaqs, hekk ukoll

[35] Xhieda tagħha 23.11.2001, f'paġ. 145 tal-proċess
[36] Xhieda tagħha 29.4.2002, f'paġ. 153 tal-proċess
[37] Paġ. 254 tal-proċess
[38] Paġ. 237 tal-proċess

hawnhekk, fejn ikun meħtieġ li xi sehem jingħata jew irid iħallas lil sehem ieħor somma qawwija f'ekwiparazzjoni, l-għażla għandha tkun favur il-ħlas ta' somma u mhux favur qasma artifiċjali. Ta' min jgħid li l-liġi trid li s-sehem riżervat ikun magħmul minn ġid tal-wirt, u ma tgħidx li jrid ikun magħmul minn biċċa minn kull ħaġa f'tali wirt. L-istess ħaġa tingħad jekk, fost il-ġid li jkun hemm fil-wirt, partijiet minnu jkunu tħallew mill-mejjet bħala legati jew prelegati, sakemm ma jkunx b'hekk inqabeż is-sehem li minnu l-istess mejjet seta' iddispona. Hija dejjem l-għażla u d-diskrezzjoni tal-Qorti li tqis jekk għandhiex issir assenjazzjoni *in natura* tal-ġid lil-leġittimarju;

Illi meta l-Qorti rat x'inhu l-ġid immobbli li minnu l-attriċi tista' tieħu s-sehem riżervat tagħha *in natura*, sabet li minn dak il-ġid post wieħed biss kien tal-mejjet waħdu; l-oħrajn kellu biss sehem mhux maqsum minnu. Il-post li kien tal-mejjet waħdu – Flat 1, Eman Mansions, fi Triq Norfolk, Sliema – huwa stmat li jiswa mija u ħamsa u tmenin elf euro (€ 185,000), liema valur jisboq sewwa s-sehem ta' ġid li l-attriċi jistħoqqilha tieħu, u ma jidhirx li jkun għaqli li l-Qorti tassenjalha l-imsemmi post u torbotha tħallas l-eċċess f'ekwiparazzjoni. Min-naħa l-oħra, l-Qorti qieset li l-ġid kollu l-ieħor huwa ta' sidien differenti u jekk kemm-il darba jkun assenjat lill-attriċi (u kif suġġett għall-piżijiet relattivi u ċ-ċens li jagħlaq), din tista' effettivament ma tgawdi xejn minn dak il-ġid jew ikollha tieħu proċeduri oħrajn biex tirrejalizza s-sehem tagħha. Dan kollu wara li jkun għadda żmien daqshekk twil mill-ftuħ tas-suċċessjoni ta' missierha;

Illi wara li l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ jidhrilha li ma jkunx għaqli li l-attriċi tingħata s-sehem tagħha riżervat mill-ġid tal-wirt ta' missierha f'ġid *in natura*, iżda f'valur ekwivalenti fi flus. Qieset ukoll iċ-ċirkostanza tal-fatt li l-imħarrka m'hijiex f'Malta jew tkun nieqsa minn Malta għal tul ta' żmien konsiderevoli, u ma tidhirx li qatt uriet ħajra li tasal bil-kelma t-tajba ma' oħtha tar-rispett;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-aħjar mod kif sehem l-attriċi jista' jkun realiżżat hu billi tordna li, jekk kemm-il darba l-imħarrka ma tasalx biex tħallas lil oħtha l-attriċi l-ammont

hekk likwidat sa żmien tliet (3) xhur mil-lum, flimkien mal-imgħax fuq dik is-somma sa dak inhar tal-effettiv ħlas, allura hija tordna li l-post Flat 1, Eman Mansions, fi Triq Norfolk, Sliema, kif imfisser mil-perit tekniku u tal-valur minnu mogħti fir-relazzjoni peritali tiegħu, jinbiegħ bis-saħħa ta' din is-sentenza f'irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti u bis-sehem ta' barranin, u mir-rikavat l-attriċi tieħu s-sehem merfugħ lilha skond din is-sentenza;

Illi b'dan il-mod, il-Qorti sejra tilqa' t-tielet talba attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida s-sehem riżervat li l-attriċi jistħoqqilha tieħu mill-wirt ta' missierha fis-somma ta' wieħed u sittin elf, ħames mija u wieħed u erbgħin euro (€ 61,541);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u, billi ssib li ma jkunx għaqli fiċ-ċirkostanzi li l-attriċi tingħata s-sehem riżervat dovut lilha f'ġid *in natura*, qiegħda tikkundanna lill-imħarrka tħallas lill-attriċi s-somma msemmija ta' wieħed u sittin elf, ħames mija u wieħed u erbgħin euro (€ 61,541), għas-saldu tas-sehem riżervat imsemmi, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tordna** wkoll, għall-finijiet tat-tielet talba attriċi, li jekk kemm-il darba l-imħarrka tonqos li tħallas lill-attriċi s-somma hekk likwidata sa żmien tliet (3) xhur kalendarji millum, l-attriċi hija bis-saħħa ta' din is-sentenza awtorizzata li titlob il-bejgħ b'irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti tal-post Flat 1, Eman Mansions, fi Triq Norfolk, Sliema, kif imfisser mil-perit tekniku u tal-valur minnu mogħti fir-relazzjoni peritali tiegħu, bis-sehem ta' barranin, u b'mod li mir-rikavat tal-imsemmi bejgħ l-attriċi tieħu s-sehem hekk likwidat favuriha; u

**Tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża**, magħduda dawk tas-sentenza preliminari tat-8 ta' Frar, 2006, jitħallsu mill-imħarrka.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------